SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

10 ta' Settembru 2009 *

Fil-Kawża C-457/07,

li għandha bħala suġġett rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu taħt l-Artikolu 228 KE, ippreżentat fid-9 ta' Ottubru 2007,

Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, irrappreżentata minn S. Pardo Quintillán u P. Guerra e Andrade, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

rikorrenti,

vs

Ir-Repubblika Portugiża, irrappreżentata minn L. Inês Fernandes, bħala aġent, assistit minn N. Ruiz u C. Farinhas, avukati,

konvenuta,

* Lingwa tal-kawża: il-Portugiż.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn K. Lenaerts (Relatur), President tal-Awla, T. von Danwitz, R. Silva de Lapuerta, E. Juhász u G. Arestis, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,
Reġistratur: M. Ferreira, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-7 ta' Mejju 2009,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tikkonstata li, billi ma ħaditx il-miżuri neċessarji sabiex tiżgura l-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-10 ta' Novembru 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-432/03, Ġabra p. I-9665), ir-Repubblika Portugiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 228(1) KE;

— tikkundanna lir-Repubblika Portugiża tħallasha pagament ta' penalità ta' EUR 34 542 għal kull jum ta' dewmien tal-eżekuzzjoni tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar 'il fuq, minn meta tingħata din is-sentenza u sal-eżekuzzjoni tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall iċċitata iktar 'il fuq;

— tikkundanna lir-Repubblika Portugiża tħallasha somma f'daqqa ta' EUR 6 060, immultiplikata bin-numru ta' jiem li jkunu għaddew bejn id-data li fiha ngħatat is-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar 'il fuq, u d-data li fiha dan l-Istat Membru jikkonforma ruħu mal-imsemmija sentenza jew id-data li fiha tingħata din is-sentenza, u

— tikkundanna lir-Repubblika Portugiża għall-ispejjeż.

Il-kuntest ġuridiku

Il-leġiżlazzjoni Komunitarja

2 Skont l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1998, dwar l-approssimazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar il-prodotti għall-bini (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 9, p. 296), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 93/68/KEE, tat-22 ta' Lulju 1993 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 12, p. 173, iktar 'il quddiem id-"Direttiva 89/106"), l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-"prodotti għall-bini [ta' kostruzzjoni]", fis-sens tad-Direttiva 89/106, jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk ikunu tajbin għall-użu maħsub, li jfisser li jkollhom dawk il-karatteristiċi li x-xogħlijiet li ser jiddaħħlu fihom, magħquda, imħaddma jew installati, jistgħu, jekk iddiżinjati u mibnija sew, jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali li għalihom jirreferi l-Artikolu 3 tal-imsemmija direttiva, meta u fejn dawk ix-xogħlijiet huma s-suġġett ta' leġiżlazzjoni li tinkludi dawn ir-rekwiżiti.

3 L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 89/106 jipprovdi li dawn ir-rekwiżiti essenzjali huma stabbiliti fl-Anness I ta' din id-direttiva taħt il-forma ta' għanijiet. L-imsemmija rekwiżiti jikkonċernaw ċerti karatteristiċi tax-xogħlijiet relatati mar-reżistenza mekkanika u l-istabbilità, mas-sigurtà fil-każ ta' ħruq, mal-iġjene, is-saħħa u l-ambjent, mas-sigurtà fl-użu, mal-ħarsien kontra l-istorbju, mal-ekonomija fl-enerġija u ż-żamma tas-sħana.

4 L-Artikolu 4(2), ta' din id-direttiva jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jassumu li l-prodotti huma tajbin għall-użu jekk jippermettu li x-xogħlijiet li fihom jintużaw jissodisfaw l-istess rekwiżiti essenzjali fejn dawn il-prodotti għandhom l-immarkar "CE", li jindika li dawn huma konformi man-normi nazzjonali li jittrasponu normi armonizzati, ma' approvazzjoni teknika Ewropea jew mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi nazzjonali li jibbenifikaw minn preżunzjoni ta' konformità ma' dawn ir-rekwiżiti essenzjali.

5 L-Artikolu 16(1) tal-istess direttiva jipprovdi:

"Fin-nuqqas ta' speċifikazzjonijiet tekniċi, kif imfissra f'Artikolu 4, għal kull prodott imsemmi, l-Istat Membru destinatarju għandu, b'talba f'każijiet individwali, iqis il-prodott li għandu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet nazzjonali li hemm fis-seħħ jekk dawn issodisfawx it-testijiet u l-ispezzjonijiet imwettqa minn korp approvat fl-Istat Membru produttur skond il-metodi fis-seħħ fl-Istat Membru destinatarju jew magħruf bħala ekwivalenti minn dak l-Istat Membru."

6 Skont l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Nru 3052/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Diċembru 1995, li tistabbilixxi proċedura għall-iskambju tat-tagħrif dwar il-miżuri nazzjonali li jidderogaw mill-prinċipju ta' moviment liberu tal-merkanzija ġewwa l-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 15, p. 427), l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni kull miżura li tostakola l-moviment liberu jew it-tqegħid fis-suq ta' mudell jew ta' tip partikolari ta' prodott iffrabrikat legalment jew imqiegħed fis-suq fi Stat Membru ieħor meta tali miżura jkollha bħala effett dirett jew indirett projbizzjoni ġenerali, rifjut ta' awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq, il-modifika tal-mudell jew tat-tip tal-prodott inkwistjoni, bil-għan tat-tqegħid jew taż-żamma fis-suq tiegħu, jew irtirar mis-suq.

Skont l-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni Nru 3052/95, din in-notifika għandha ssir fi żmien 45 jum mill-jum li fih tittieħed din il-miżura.

7 Matul ix-xahar ta' Frar 2004, ġew adottati diversi liġijiet Ewropej dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi applikabbli għall-pajpijiet tal-politin PEX.

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

8 Skont l-Artikolu 17 tar-Regolamenti Ġenerali fuq il-Bini Urban (Regulamento Geral das Edificações Urbanas) adottati bid-Digriet Leġiżlattiv Nru 38/382 tas-7 ta' Awwissu 1951 (*Diário do Governo*, Serje I, Nru 166, tas-7 ta' Awwissu 1951, iktar 'il quddiem ir-"RGEU"), fil-verżjoni tagħhom fis-seħħ qabel ma ngħatat is-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar 'il fuq, l-użu ta' materjali jew ta' metodi ġodda għal bini li fir-rigward tagħhom ma jeżistux speċifikazzjonijiet uffiċjali u lanqas prattika ta' użu biżżejjed kien suġġett għall-approvazzjoni minn qabel tal-Laboratório Nacional de Engenharia Civil (Laboratorju Nazzjonali tal-Inġinerija Ċivili, iktar 'il quddiem l-"LNEC").

9 Skont ir-Regolamenti tal-Ministeru tax-Xogħlijiet Pubbliċi tat-2 ta' Novembru 1970 (*Diário do Governo*, Serje II — Nru 261, tal-10 ta' Novembru 1970) u tas-7 ta' April 1971, (*Diário do Governo*, Serje II Nru 91 tad-19 ta' April 1971), huwa biss il-materjal tal-plastik omologat mil-LNEC li jista' jiġi użat fin-netwerk tad-distribuzzjoni tal-ilma.

10 Id-Direttiva 89/106 ġiet trasposta fid-dritt Portugiż bid-Digriet-Liġi Nru 113/93, tal-10 ta' April 1993 (*Diário da República* I, Serje A, Nru 84, tal-10 ta' April 1993).

11 L-Artikolu 9(2) tad-Digriet-Liġi Nru 113/93, kif emendat bid-Digriet-Liġi Nru 139/95, tal-14 ta' Ġunju 1995 (*Diário da República* I, Serje A, Nru 136, tal-14 ta' Ġunju 1995), kif ukoll bid-Digriet-Liġi Nru 374/98, tal-24 ta' Novembru 1998 (*Diário da República* I, Serje A, Nru 272, tal-24 ta' Novembru 1998), kien jipprovdi li, fuq talba ta' manifattur stabbilit fi Stat Membru jew tal-aġent tiegħu, fil-każijiet konkreti u fin-nuqqas ta' speċifikazzjonijiet tekniċi, il-prodotti huma kkunsidrati bħala li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet nazzjonali meħuda skont it-Trattat KE meta dawn jissodisfaw it-testijiet u l-kontrolli mwettqa minn korp approvat tal-Istat Membru produttur skont il-metodi fis-seħħ fil-Portugall jew rikonoxxuti bħala ekwivalenti mill-Instituto Português da Qualidade (Istitut Portugiż tal-kwalità).

Is-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, u l-fatti li wasslu għaliha

12 Waqt is-sena 2000, il-Kummissjoni rċeviet ilment mingħand impriża Portugiża li ma ngħatatx l-awtorizzazzjoni neċessarja għall-installazzjoni, f'bini, ta' pajpijiet tal-politin PEX importati mill-Italja u minn Spanja, minħabba li dawn il-pajpijiet ma kinux ġew omologati mil-LNEC. Meta din l-impriża talbet lil-LNEC ċertifikat ta' ekwivalenza taċ-ċertifikati barranin li hija kellha, dan informaha li t-talba tagħha għal ċertifikat ta' ekwivalenza taċ-ċertifikat maħruġ mill-Istituto Italiano dei Plastici (iktar 'il quddiem l-"IIP") kellha tiġi miċħuda minħabba li dan tal-aħħar ma kienx jidher fost il-korpi membri tal-Unjoni Ewropea għall-Approvazzjoni Teknika fil-Bini, u lanqas fost il-korpi li magħhom l-LNEC kien ikkonkluda ftehim ta' kooperazzjoni.

13 Wara li indirizzat ittra ta' intimazzjoni u wara opinjoni motivata lir-Repubblika Portugiża, il-Kummissjoni ppreżentat rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu li fih sostniet li, billi ssuġġetta, skont l-Artikolu 17 tar-RGEU, il-pajpijiet tal-politina importati minn Stati Membri oħra għal proċedura ta' omologazzjoni mingħajr ma ħadet inkunsiderazzjoni ċ-ċertifikati ta' omologazzjoni maħruġa minn dawn l-Istati Membri oħra u billi ma informax lill-Kummissjoni b'tali miżura, dan l-Istat Membru kien naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikoli 28 KE u 30 KE kif ukoll l-Artikoli 1 u 4(2) tad-Deċiżjoni Nru 3052/95.

14 Fil-punt 33 tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, qabel kollox, li l-pajpijiet inkwistjoni, ma kienu koperti la minn norma armonizzata jew minn approvazzjoni teknika Ewropea, u lanqas minn speċifikazzjoni teknika nazzjonali rikonoxxuta fuq livell Komunitarju skont l-Artikolu 4 (2) tad-Direttiva 89/106.

15 Il-Qorti tal-Ġustizzja wara kkonkludiet mill-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 89/106, li bis-saħħa tiegħu l-Istati Membri jawtorizzaw it-tqegħid fis-suq fit-territorju tagħhom l-imsemmija prodotti jekk dawn jissodisfaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali konformi mat-Trattat, li din id-direttiva tikkonferma li Stat Membru jista' jissuġġetta t-tqegħid fis-suq fit-territorju tiegħu ta' prodott ta' kostruzzjoni, li mhuwiex kopert minn speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati jew rikonoxxuti fuq livell Komunitarju, biss għal dispożizzjonijiet nazzjonali li jkunu konformi mal-obbligi li jirriżultaw mit-Trattat, b'mod partikolari mal-prinċipju ta' moviment liberu tal-merkanzija stipulat fl-Artikoli 28 KE u 30 KE (sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar 'il fuq, punti 34 u 35).

16 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li r-rekwiżit ta' omologazzjoni minn qabel ta' prodott sabiex tiġi ċċertifikata l-idonejità tiegħu għal użu partikolari, bħar-rifjut, f'dan il-kuntest, ta' rikonoxximent tal-ekwivalenza taċ-ċertifikati maħruġa fi Stat Membru ieħor jirristrinġi l-aċċess għas-suq tal-Istat Membru ta' importazzjoni u għandu għalhekk jiġi kkunsidrat bħala miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva fuq l-importazzjoni skont l-Artikolu 28 KE (sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar 'il fuq, punt 41).

17 Fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk miżura bħall-Artikolu 17 tar-RGEU hijiex proporzjonata fil-konfront tal-għan ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ħajja tal-persuni li hija intiża biex tilħaq, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, filwaqt li Stat Membru huwa liberu li jissuġġetta prodott li jkun diġà ġie approvat fi Stat Membru ieħor għal proċedura ġdida ta' eżaminar u approvazzjoni, l-awtoritajiet tal-Istati Membri huma madankollu mistennija jikkontribwixxu għal tnaqqis tal-kontrolli fil-kummerċ intrakomunitarju. Minn dan jirriżulta li huma ma jistgħux jeżiġu għalxejn analiżijiet tekniċi jew kimiċi jew testijiet tal-laboratorju meta l-istess analiżijiet u testijiet ikunu diġà saru fi Stat Membru ieħor u r-riżultati tagħhom huma għad-dispożizzjoni ta' dawn l-awtoritajiet jew jistgħu, fuq it-talba tagħhom, jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tagħhom (sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar 'il fuq, punt 46).

18 Wara li fakkret li l-osservanza stretta ta' dan l-obbligu teħtieġ attitudni attiva minn naħa tal-korp nazzjonali li quddiemu titressaq talba għal omologazzjoni ta' prodott jew għal rikonoxximent, f'dan il-kuntest, tal-ekwivalenti ta' ċertifikat ta' omologazzjoni maħruġ minn korp ta' omologazzjoni ta' Stat Membru ieħor, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li, f' din il-kawża, l-LNEC kien irrifjuta li jirrikonoxxi l-ekwivalent taċ-ċertifikat maħruġ mill-IIP mingħajr ma talab lill-impriża li qed tagħmel it-talba l-informazzjoni fil-pussess tagħha li kienet tippermettilu jevalwa n-natura taċ-ċertifikat maħruġ mill-IIP u mingħajr ma kkuntattja lil din tal-aħħar sabiex jikseb tali informazzjoni (sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar 'il fuq, punti 47 u 48).

19 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li, billi ssuġġettaw, skont l-Artikolu 17 tar-RGEU, l-użu tal-prodott inkwistjoni għal proċedura ta' omologazzjoni mingħajr ma kkunsidraw, f'dan il-kuntest, ċertifikat maħruġ minn korp ta' omologazzjoni ta' Stat Membru ieħor u mingħajr ma fittxew li jiksbu mingħand l-impriża li għamlet it-talba jew l-imsemmija korp l-informazzjoni neċessarja, l-awtoritajiet Portugiżi naqsu milli jwettqu l-obbligu ta' kooperazzjoni li jirriżulta, fil-kuntest ta' talba għal omologazzjoni ta' prodott importat minn Stat Membru ieħor, mill-Artikoli 28 KE u 30 KE (sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar 'il fuq, punt 49).

20 Fir-rigward tar-rekwiżiti konkreti li għalihom hija suġġetta l-omologazzjoni tal-pajpijiet inkwistjoni fil-Portugall, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, sabiex sistema ta' awtorizzazzjoni amministrattiva minn qabel tkun iġġustifikata minkejja li din tidderoga mil-libertajiet fundamentali, hemm bżonn, f'kull każ, li din tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi, nondiskriminatorji u li jkunu magħrufa minn qabel, b'tali mod li jiġi kkontrollat l-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tal-awtoritajiet nazzjonali sabiex din ma tkunx eżerċitata b'mod arbitrarju (sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar 'il fuq, punt 50).

21 F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-Artikolu 17 tar-RGEU ma jissodisfax dawn ir-rekwiżiti sa fejn din id-dispożizzjoni tipprovdi biss li l-użu ta' materjali jew ta' metodi ġodda għal bini li fir-rigward tagħhom ma jeżistux speċifikazzjonijiet uffiċjali u lanqas prattika ta' użu biżżejjed kien suġġett għall-approvazzjoni minn qabel tal-LNEC (sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar 'il fuq, punt 51).

22 Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li, billi kienet tissuġġetta l-pajpijiet inkwistjoni għal proċedura ta' omologazzjoni bħal dik prevista fl-Artikolu 17 tar-RGEU, il-leġiżlazzjoni Portugiża ma kinitx tirrispetta l-prinċipju ta' proporzjonalità u, konsegwentement kienet tikser l-Artikoli 28 KE u 30 KE (sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar 'il fuq, punt 52).

23 Peress li d-deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet Portiġiżi skont ir-RGEU kif ukoll skont ir-Regolamenti Ministerjali tat-2 ta' Novembru 1970 u tas-7 ta' April 1971 kellhom effettivament bħala effett li jipprojbixxu l-użu tal-pajpijiet inkwistjoni u kellhom għaldaqstant jiġu kkunsidrati bħala li jaqgħu taħt l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Nru 3052/95 iżda madankollu ma kinux ġew innotifikati lill-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li r-Repubblika Portugiża kienet kisret ukoll l-obbligi tagħha taħt din id-deċiżjoni (sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar 'il fuq, punti 58 u 60).

24 Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat, fid-dispożittiv tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar 'il fuq, li, peress li ma ħaditx inkunsiderazzjoni ċertifikati ta' omologazzjoni maħruġa minn Stati Membri oħra f'proċedura ta' omologazzjoni, skont l-Artikolu 17 tar-RGEU, tal-pajpijiet tal-politin importati minn dawn l-Istati Membri l-oħra u peress li ma informatx lill-Kummissjoni b'tali miżura, ir-Repubblika Portugiża kienet naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 28 KE u 30 KE, kif ukoll taħt l-Artikoli 1 u 4(2), tad-Deċiżjoni Nru 3052/95/KE.

Il-fatti li wasslu għal din il-kawża

25 Fl-10 ta' Jannar 2006, l-awtoritajiet Portugiżi informaw lill-Kummissjoni bl-adozzjoni, mill-Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi, tat-Trasport u tal-Komunikazzjonijiet, fit-23 ta' Diċembru 2005, tar-Regolamenti Nru 1726/2006, li jħassru r-Regolamenti tat-2 ta' Novembru 1970 u tas-7 ta' April 1971 (Diário da República, Serje II, Nru 16, tat-23 ta' Jannar 2006).

26 Ir-Regolamenti Nru 1726/2006 jipprovdu, fil-punti 2 u 3, li s-sistemi ta' pajpijiet tal-plastik għad-distribuzzjoni tal-ilma intiż għall-konsum mill-bniedem, koperti minn normi Ewropej adottati fil-Portugall, għandhom jiġu ċċertifikati bħala li jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali minn korpi approvati. Skont il-punt 3 ta' dawn ir-regolamenti, ir-rikonoxximent ta' ċertifikati ta' konformità maħruġa fi Stat Membru ieħor għandu jitwettaq skont l-Artikolu 9(2) tad-Digriet-Liġi Nru 113/93. Skont il-punti 4 u 5 tal-imsemmija regolamenti, fin-nuqqas ta' normi Ewropej adottati fil-Portugall, il-prodotti għandhom jiġu omologati mil-LMEC, f'liema każ setgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni, fuq talba tal-entità li qed titlob l-omologazzjoni u skont l-Artikolu 9(2) tad-Digriet-Liġi Nru 113/93, testijiet u kontrolli mwettqa fi Stat Membru ieħor.

27 Permezz ta' ittra ta' intimazzjoni tal-4 ta' Lulju 2006, il-Kummissjoni għarrfet lill-awtoritajiet Portugiżi li r-Regolamenti Nru 1726/2006 ma kinux jiżguraw eżekuzzjoni kompleta tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar 'il fuq. L-ewwel nett, peress li fil-ġerarkija tan-normi r-regolamenti jinstabu f'livell iktar baxx minn dak ta' digriet-liġi, ir-Regolamenti Nru 1726/2006 ma ħassrux l-Artikolu 17 tar-RGEU, li kompla jissuġġetta l-użu ta' ċerti materjali għall-approvazzjoni minn qabel tal-LNEC, mingħajr ma jipprovdi għat-teħid inkunsiderazzjoni tat-testijiet u kontrolli mwettqa fi Stati Membri oħra. Barra minn hekk, dawn ir-regolamenti ma għamlu ebda referiment għall-Artikolu 17 tar-RGEU. It-tieni nett, l-imsemmija regolamenti semmew biss is-sistemi ta' kanalizzazzjoni ta' distribuzzjoni tal-ilma suġġetti għan-normi Ewropej, filwaqt li naqsu għal kollox milli jkopru l-pajpijiet iżolati. Barra minn hekk, f'dak li jirrigwarda l-proċedura ta' omologazzjoni tas-sistemi ta' kanalizzazzjoni mhux suġġetti għan-normi Ewropej, ir-Regolamenti Nru 1726/2006 kienu pprovdew li t-testijiet jew il-kontrolli mwettqa fi Stat Membru ieħor setgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni, mingħajr ma ġie impost ebda obbligu f'dan ir-rigward. It-tielet nett, l-awtoritajiet Portugiżi ma kkomunikawx il-miżuri meħuda fir-rigward tal-operaturi ekonomiċi affettwati mil-leġiżlazzjoni nazzjonali li l-Qorti tal-Ġustizzja kienet ikkunsidrat bħala li tikser l-Artikoli 28 KE u 30 KE.

28 Fit-18 ta' Ottubru 2006, peress li l-ilmenti indikati fl-ittra ta' intimazzjoni kienu għadhom validi, il-Kummissjoni indirizzat lir-Repubblika Portugiża opinjoni motivata li permezz tagħha stiednet lil din tal-aħħar tieħu l-miżuri neċessarji sabiex tiżgura l-eżekuzzjoni tas-sentenza, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar 'il fuq, sal-iktar tard fit-18 ta' Diċembru 2006.

29 B'ittra tat-12 ta' Jannar 2007, ir-Repubblika Portugiża rrispondiet għall-imsemmija opinjoni motivata billi informat lill-Kummissjoni li, fl-intervall, hija kienet ikkjarifikat id-dispożizzjonijiet rilevanti.

30 Qabel kollox, ir-Regolamenti Nru 1726/2006 kienu tħassru bir-Regolamenti tal-Ministeri tax-Xogħlijiet Pubbliċi, tat-Trasport u tal-Komunikazzjonijiet Nru 19563/2006, tal-4 ta' Settembru 2006 (*Diário da República*, Serje II, Nru 185, tal-25 ta' Settembru 2006), li, filwaqt li jkopru mhux biss l-omologazzjoni tas-sistemi ta' pajpijiet, iżda wkoll dik tal-pajpijiet u tal-aċċessorji, jagħmlu referiment ċar għall-Artikolu 17 tar-RGEU u jipprevedu espressament l-obbligu li jittieħdu inkunsiderazzjoni t-testijiet u l-kontrolli mwettqa fi Stati Membri oħra.

31 Barra minn hekk, id-Digriet-Liġi Nru 4/2007, tat-8 ta' Jannar 2007 (*Diário da República,* Serje I, Nru 5, tat-8 ta' Jannar 2007), emenda l-Artikolu 9 tad-Digriet-Liġi Nru 113/93 b'tali mod li jkun żgurat ir-rikonoxximent reċiproku bejn Stati Membri ta' ċertifikati ta' konformità, ta' testijiet u ta' kontrolli, b'mod partikolari għall-finijiet tal-proċeduri ta' omologazzjoni.

32 Fir-rigward tal-Artikolu 17 tar-RGEU, l-awtoritajiet Portugiżi spjegaw li din id-dispożizzjoni għandha, f'kull każ, tiġi interpretata skont ir-Regolamenti Nru 19563/2006 u l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku stabbilit fl-Artikolu 9(2) Digriet-Liġi Nru 113/93, li jiggarantixxu kompletament il-kooperazzjoni bejn korpi nazzjonali. L-imsemmija awtoritajiet żiedu li r-riċerki neċessarji twettqu, u ebda każ ta' applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 17 tar-RGEU mil-LNEC ma ġiet skoperta. Fl-aħħar, fil-każ fejn, wara l-adozzjoni ta' normi Ewropej matul ix-xahar ta' Frar 2004, in-neċessità ta' omologazzjoni tal-pajpijiet u tal-aċċessorji tal-politina kienet saret eċċezzjonali, l-LNEC kien annulla d-dokumenti ta' omologazzjoni kollha relatati mas-sistemi ta' pajpijiet tal-plastik li kienu s-suġġett ta' tali normi.

33 B'ittra tas-17 ta' Awwissu 2007, l-awtoritajiet Portugiżi informaw lill-Kummissjoni bl-adozzjoni tad-Digriet-Liġi Nru 290/2007 tal-istess jum (*Diário da República*, Serje I,

Nru 128, tas-17 ta' Awwissu 2007), li daħal fis-seħħ fit-18 ta' Awwissu 2007, li emenda l-Artikolu 17 tar-RGEU billi żied paragrafu li jipprovdi li l-omologazzjoni mil-LNEC għandha tieħu inkunsiderazzjoni t-testijiet u l-kontrolli mwettqa fi Stat Membru ieħor.

34 Billi ma kinitx sodisfatta bir-risposta tal-awtoritajiet Portugiżi għall-opinjoni motivata, il-Kummissjoni ppreżentat dan ir-rikors.

L-iżviluppi tal-kawża matul il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

35 Matul Marzu 2008, ir-Repubblika Portugiża informat lill-Qorti tal-Ġustizzja bl-adozzjoni tad-Digriet-Liġi Nru 50/2008, tad-19 ta' Marzu 2008 (*Diário da República*, Serje I, Nru 56, tad-19 ta' Marzu 2008), li daħal fis-seħħ fl-20 ta' Marzu 2008, li emenda l-Artikolu 17 tar-RGEU b'dan il-mod:

"1. Il-bini għandu jinbena u jiġi rrenovat b'mod li jiggarantixxi li jiġu sodisfatti r-rekwiżiti essenzjali ta' reżistenza mekkanika u ta' stabbiltà, ta' sigurtà fl-użu tiegħu u fil-każ ta' ħruq, ta' iġjene, ta' saħħa u ħarsien tal-ambjent, ta' ħarsien kontra l-istorbju, ta' ekonomija fl-enerġija, taż-żamma tas-sħana, u ta' rekwiżiti oħra stabbiliti f'din il-liġi jew f'leġiżlazzjoni speċifika, b'mod partikolari ta' funzjonalità, ta' dewmien u oħrajn.

2. Il-kwalità, in-natura u l-mod ta' implementazzjoni tal-materjali użati fil-kostruzzjoni ta' bini ġdid u fir-restawrazzjonijiet għandhom josservaw ir-regoli tal-bini u l-leġiżlazzjoni applikabbli, billi jigarantixxu li l-bini jissodisfa l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 1 skont l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-proġett ta' eżekuzzjoni.

3. L-użu ta' prodotti ta' kostruzzjoni f'bini ġdid jew f'restawrazzjonijiet huwa suġġett, skont il-leġiżlazzjoni applikabbli, għall-immarkar ☒CE' korrispondenti jew, fin-nuqqas ta' immarkar, ħlief fil-każ ta' rikonoxximent reċiproku, għaċ-ċertifikazzjoni tal-konformità tagħhom mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi fis-seħħ fil-Portugall.

4. Iċ-ċertifikazzjoni tal-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi fis-seħħ fil-Portugall tista' tintalab minn kull persuna kkonċernata, u għal dan il-għan għandhom dejjem jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċertifikati ta' konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi fis-seħħ f'kull Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, fit-Turkija jew f'Stat firmatarju tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif ukoll ir-riżultati pożittivi ta' verifiki u t-testijiet imwettaq fl-Istat produttur, skont il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 9(2) tad-Digriet-Liġi Nru 113/93, tal-10 ta' April 1993.

5. Fil-każ fejn il-prodotti ta' kostruzzjoni ma jissodisfaw ebda mill-kundizzjonijiet previsti fil-paragrafu 3, u fejn l-użu tagħhom fil-bini ġdid jew f'ristawrazzjonijiet jistgħu jkunu ta' riskju sabiex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti essenzjali indikati fil-paragrafu 1, dan l-użu huwa suġġett għall-omologazzjoni tagħhom mil-[LNEC], li għandu jiddispensahom jekk il-prodotti għandhom ċertifikati ta' konformità maħruġa minn korp approvat minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, fit-Turkija jew f'Stat firmatarju tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea li jattestaw suffiċjentement li l-imsemmija rekwiżiti huma sodisfatti.

6. L-omologazzjoni prevista fil-punt preċedenti tista' tintalab minn kull persuna kkonċernata, u l-[LNEC] għandu dejjem jieħu inkunsiderazzjoni, skont il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 9(2) tad-Digriet-Liġi Nru 113/93, tal-10 ta' April 1993, iċ-ċertifikati ta' konformità maħruġa u t-testijiet u l-verifiki mwettqa minn korp approvat fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, fit-Turkija jew f'Stat firmatarju tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea u jikkoopera ma' dawn il-korpi għall-ksib u l-analiżi tar-riżultati rispettivi tagħhom.

7. Il-bżonn li jsir mill-ġdid kwalunkwe test u verifika msemmija fil-paragrafi 4 u 6 għandu jkun mmotivat b'mod adegwat mil-[LNEC].

8. L-omologazzjonijiet jingħataw meta l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness I tad-Digriet-Liġi Nru 113/93, tal-10 ta' April 1993, ikunu sodisfatti."

36 Waqt is-seduta, il-Kummissjoni indikat lill-Qorti tal-Ġustizzja li hija tikkunsidra li l-imsemmi digriet-liġi kien jiżgura, mid-dħul fis-seħħ tiegħu, l-eżekuzzjoni kompleta tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar 'il fuq.

37 Konsegwentement, il-Kummissjoni rrinunċjat għat-talba tagħha sabiex jiġi ffissat pagament ta' penalità. Madankollu hija żammet it-talba tagħha għal ħlas ta' somma f'daqqa.

Fuq ir-rikors

38 Għalkemm l-Artikolu 228 KE ma jispeċifikax it-terminu li fih għandha tiġi eżegwita sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tikkonstata l-eżistenza ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-ħtieġa ta' applikazzjoni immedjata u uniformi tad-dritt Komunitarju teżiġi li din l-eżekuzzjoni tibda immedjatament u tintemm fl-iqsar żmien possibbli (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tad-9 ta' Diċembru 2008, Il-Kummissjoni vs Franza, C-121/07, Ġabra p. I-9159), punt 21 u l-ġurisprudenza ċċitata).

39 Barra minn hekk, id-data ta' riferiment għall-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu skont l-Artikolu 228 KE hija dik ta' meta jiskadi t-terminu stabbilit

fl-opinjoni motivata maħruġa skont din id-dispożizzjoni (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-4 ta' Ġunju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, C-109/08, Ġabra p. I-4657, punt 15 u l-ġurisprudenza ċċitata).

40 Għaldaqstant, għandu jiġi eżaminat jekk, kif issostni l-Kummissjoni, fid-data li fiha kien skada t-terminu ta' xahrejn stabbilit fl-opinjoni motivata, jiġifieri, it-18 ta' Diċembru 2006, ir-Repubblika Portugiża kienet għada ma żguratx l-eżekuzzjoni tas-sentenza, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar 'il fuq.

41 Fil-fatt, il-Kummissjoni tikkunsidra li, sal-adozzjoni tad-Digriet-Liġi Nru 50/2008, ir-Repubblika Portugiża kienet għadha ma ħaditx il-miżuri neċessarji sabiex timplementa s-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar 'il fuq.

42 F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tressaq l-ewwel ilment, li jipprovdi li, qabel din id-data, id-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikoli 17 tar-RGEU u 9(2) tad-Digriet-Liġi Nru 113/93 ma kinux jeliminaw l-ostakolu għall-moviment liberu tal-merkanzija li kien jikkostitwixxi r-rekwiżit ta' omologazzjoni tal-prodotti li għalihom ma kinux jeżistu speċifikazzjonijiet tekniċi. Il-Kummissjoni tinvoka wkoll erba' lmenti iktar preċiżi, relatati mal-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni Portugiża mar-rekwiżiti li jirriżultaw mis-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar 'il fuq.

Fuq l-ilment ibbażat fuq l-ostakolu għall-moviment liberu tal-merkanzija li l-proċedura ta' omologazzjoni prevista fl-Artikolu 17 tar-RGEU u fl-Artikolu 9(2) tad-Digriet-Liġi Nru 113/93 tikkostitwixxi

43 L-ewwel nett, il-Kummissjoni ssostni li, qabel l-adozzjoni tad-Digriet-Liġi Nru 50/2008, ir-rekwiżit ta' omologazzjoni previst mid-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikoli 17 tar-RGEU u 9(2) tad-Digriet-Liġi Nru 113/93 għall-prodotti mhux koperti minn speċifikazzjonijiet tekniċi, kien jikkostitwixxi miżura b'effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva fuq l-importazzjoni skont l-Artikolu 28 KE.

44 B'risposta għal dan l-ilment, ir-Repubblika Portugiża tosserva li, fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja ma kkontestatx il-fatt li, f'dak li jirrigwarda l-prodotti li għalihom ma jeżistux speċifikazzjonijiet tekniċi u l-anqas rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikati, Stat Membru għandu jistabbilixxi sistema ta' omologazzjoni bħal dik li tirriżulta mill-Artikolu 17 tar-RGEU. Fil-fatt, jekk ma jipprovdix tali sistema, dan l-Istat Membru ma jirrispettax l-obbligu, impost mid-Direttiva 89/106, li jiżgura li jintużaw biss prodotti ta' kostruzzjoni li huma tajbin għall-użu maħsub.

45 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, huwa minnu li, fis-sentenza tagħha, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li r-rifjut minn korp ta' omologazzjoni li jirrikonoxxi, fil-kuntest ta' proċedura ta' omologazzjoni bħal dik li tirriżulta mill-Artikolu 17 tar-RGEU, l-ekwivalenza ta' ċertifikat maħruġ minn korp ta' omologazzjoni ta' Stat Membru ieħor, jikkostitwixxi restrizzjoni fuq il-moviment liberu tal-merkanzija. Madankollu, wara li eżaminat jekk tali miżura tistax tiġi ġġustifikata minħabba raġunijiet ta' interess ġenerali, fil-punti 49 sa 52 ta' din is-sentenza, hija kkonstatat nuqqas li jitwettqu l-obbligi li jirriżultaw mill-Artikoli 28 KE u 30 KE biss sa fejn, minn naħa, l-awtoritjiet Portugiżi, fl-applikazzjoni tal-proċedura ta' omologazzjoni inkwistjoni, ma kinux ħadu inkunsiderazzjoni ċertifikati maħruġa minn Stati Membru oħra u lanqas ma fittxu li jiksbu mingħand l-impriża li għamlet it-talba jew mingħand korp ieħor l-informazzjoni neċessarja u, min-naħa l-oħra, l-imsemmija proċedura ta' omologazzjoni, kif prevista mil-leġiżlazzjoni Portugiża, ma kinitx ibbażata fuq kriterji oġġettivi, nondiskriminatorji u magħrufa minn qabel.

46 Għalhekk mill-imsemmija sentenza ma jirriżulta bl-ebda mod li, minħabba s-sempliċi fatt li Stat Membru jipprevedi proċedura ta' omologazzjoni tal-prodotti li għalihom ma jeżistux speċifikazzjonijiet tekniċi, u lanqas rikonoxximent reċiproku ta' ċertifikati ta' konformità, dan ma josservax l-obbligi tiegħu taħt id-dritt Komunitarju.

47 Issa, peress li l-proċedura prevista fl-Artikolu 228(2) KE, għandha tiġi kkunsidrata bħala proċedura ġuridika speċjali għall-eżekuzzjoni tas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja, fi kliem ieħor, bħala mezz ta' eżekuzzjoni (sentenza tat-12 ta' Lulju 2005, Il-Kummissjoni vs Franza, C-304/02, Ġabra p. I-6263, punt 92), jista' jiġi ttrattat fil-

kuntest tagħha biss in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligi tal-Istat Membru taħt it-Trattat li l-Qorti tal-Ġustizzja fuq il-bażi tal-Artikolu 226 KE qieset bħala fondat.

48 Għaldaqstant, l-ewwel ilment għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli.

Fuq l-ilment ibbażat fuq il-limitazzjoni għal manifattur wieħed kif ukoll għall-aġent tiegħu tad-dritt għal talba għal rikonoxximent ta' ċertifikati maħruġa fi Stati Membri oħra

L-argumenti tal-partijiet

49 Permezz tat-tieni lment tagħha, il-Kummissjoni tikkritika l-fatt li, fin-nuqqas ta' speċifikazzjonijiet tekniċi, huwa biss il-manifattur tal-prodott inkwistjoni, jew l-aġent tiegħu, li jista' jitlob ir-rikonoxximent ta' ċertifikati maħruġa minn korpi ta' omologazzjoni stabbiliti fi Stati Membri oħra, li jimplika li kull operatur ekonomiku ieħor li jixtieq jibbenifika mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28 KE kien obbligat jitlob l-omologazzjoni tal-imsemmi prodott.

50 Skont ir-Repubblika Portugiża, dan l-ilment għandu jiġi kkunsidrat bħala inammissibbli peress li din ir-regola kienet tinstab diġà fil-verżjoni inizjali tal-Artikolu 9 tad-Digriet-Liġi Nru 113/93 u, qabel ma ġie ppreżentat dan ir-rikors, il-Kummissjoni qatt ma kienet qajmet oġġezzjoni f'dak li jirrigwarda l-fatt li huma l-manifattur jew l-aġent tiegħu li jistgħu jitolbu ċertifikat ta' konformità għal prodotti li għalihom ma jeżistux speċifikazzjonijiet tekniċi.

51 Fir-rigward tal-mertu, ir-Repubblika Portugiża tosserva li, billi tillimita l-possibbiltà li ssir talba għal ċertifikat ta' konformità għall-manifattur jew għall-aġent tiegħu, il-leġiżlazzjoni nazzjonali tqiegħed biss fuq livell ugwali s-sistema taċ-ċertifikazzjoni ta'

konformità KE ta' prodotti koperti minn speċifikazzjonijiet tekniċi, li, skont id-Direttiva 89/106 u d-dispożizzjonijiet Portugiżi ta' implementazzjoni ta' din tal-aħħar, jipprevedu biss l-intervenzjoni ta' dawn il-persuni kkonċernati, minn naħa, u s-sistema taċ-ċertifikazzjoni ta' konformità mad-dispożizzjonijiet nazzjonali fil-każ ta' nuqqas ta' speċifikazzjonijiet tekniċi, min-naħa l-oħra. F'kull każ, din il-limitazzjoni tad-dritt għal talba għal rikonoxximent ta' ċertifikati ta' omologazzjoni kien ġiet imneħħija bl-emenda li saret lid-Digriet-Liġi Nru 113/93 bid-Digriet-Liġi Nru 50/2008.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

52 Fir-rigward tal-argument żviluppat mir-Repubblika Portugiża f'dak li jirrigwarda l-ammissibbiltà ta' dan it-tieni lment, hemm lok li jiġu ppreċiżati l-prinċipji li fid-dawl tagħhom għandhom jiġu eżaminati l-ilmenti ppreżentati mill-Kummissjoni f'rikors ippreżentat skont l-Artikolu 228(2) KE.

53 Skont din id-dispożizzjoni, meta l-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li Stat Membru naqas milli jwettaq wieħed mill-obbligi tiegħu taħt it-Trattat, u konsegwentement, il-Kummissjoni tqis li dan l-Istat Membru ma ħax il-miżuri għall-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tikkonstata dan in-nuqqas, il-Kummissjoni għandha toħroġ, wara li tkun tat lill-Istat Membru kkonċernat il-possibbiltà li jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu, opinjoni motivata li tippreċiża l-punti li fuqhom l-Istat Membru ma kkonformax ruħu ma' din is-sentenza. Jekk l-imsemmi Stat Membru ma jkunx ħa l-miżuri għall-eżekuzzjoni tal-imsemmija sentenza fit-terminu stabbilit mill-Kummissjoni, din tista' tressaq kawża quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

54 Minn dan isegwi li, anki jekk, kif ġie mfakkar fil-punt 47 ta' din is-sentenza, il-proċedura prevista fl-Artikolu 228(2) KE, għandha tiġi kkunsidrata bħala proċedura ġuridika speċjali għall-eżekuzzjoni tas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja, din il-proċedura, bħal dik prevista fl-Artikolu 226 KE, timponi li tkun osservata proċedura prekontenzjuża.

55 F'dan ir-rigward, minn ġurisprudenza kostanti jirriżulta li, fil-kuntest ta' rikors ippreżentat skont l-Artikolu 226 KE, l-ittra ta' intimazzjoni indirizzata mill-Kummissjoni lill-Istat Membru u sussegwentement l-opinjoni motivata maħruġa mill-imsemmija istituzzjoni jiddefinixxu s-suġġett tal-kawża, li konsegwentement, ma jistax jiġi estiż iktar. Fil-fatt, il-possibbiltà għall-Istat Membru kkonċernat li jippreżenta osservazzjonijiet tikkostitwixxi, anki jekk iqis li ma hemmx lok li jagħmel użu minnha, garanzija essenzjali meħtieġa mit-Trattat u l-osservanza tagħha hija forma proċedurali sostanzjali tar-regolarità tal-proċedura li tikkonstata nuqqas ta' Stat Membru li jwettaq obbligu. Konsegwentement, l-opinjoni motivata u r-rikors tal-Kummissjoni għandhom ikunu bbażati fuq l-istess ilmenti bħal dawk imsemmija fl-ittra ta' intimazzjoni li tibda l-proċedura prekontenzjuża (ara b'mod partikolari, is-sentenzi tal-14 ta' Ġunju 2007, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, C-422/05, Ġabra p. I-4749, punt 25, u tat-18 ta' Diċembru 2007, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-186/06, Ġabra p. I-12093, punt 15).

56 L-istess japplika għar-rikors ippreżentat skont l-Artikolu 228(2) KE, li s-suġġett tiegħu huwa limitat mill-proċedura prekontenzjuża prevista f'din id-dispożizzjoni, fis-sens li l-Kummissjoni, fir-rikors tagħha, ma tistax testendi s-suġġett tal-kawża billi tinvoka lmenti ġodda meta mqabbla ma' dawk stabbiliti fl-opinjoni motivata li permezz tagħha l-Kummissjoni ppreċiżat il-punti li fuqhom l-Istat Membru kkonċernat ma kkonformax ruħu mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tikkonstata n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu (ara f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Marzu 2006, Il-Kummissjoni vs Franza, C-177/04, Ġabra p. I-2461, punti 37 sa 39).

57 Huwa minnu li r-rekwiżit li s-suġġett tar-rikorsi ppreżentati skont l-Artikoli 226 KE u 228(2) KE huwa limitat mill-proċedura prekontenzjuża prevista f'dawn id-dispożizzjonijiet, ma jistax jiġi interpretat fis-sens li jimponi f'kull każ qbil perfett bejn l-ilmenti li jinstabu fl-ittra ta' intimazzjoni, id-dispożittiv tal-opinjoni motivata u t-talbiet tar-rikors, meta s-suġġett tal-kawża ma jkunx ġie estiż jew immodifikat (ara, b'mod partikolari, fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 226 KE, is-sentenzi tas-7 ta' Lulju 2005, Il-Kummissjoni vs L-Awstrija, C-147/03, Ġabra p. I-5969, punt 24, u tat-8 ta' Diċembru 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu, C-33/04, Ġabra p. I-10629, punt 37, kif ukoll, fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 228(2) KE, is-sentenza tal-14 ta' Marzu 2006, Il-Kummissjoni vs Franza, iċċitata iktar 'il fuq, punt 37).

58 B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li, meta ssir emenda leġiżlattiva matul il-proċedura prekontenzjuża, ir-rikors jista' jikkonċerna dispożizzjonijiet nazzjonali li ma jkunux identiċi għal dawk imsemmija fl-opinjoni motivata (ara, b'mod partikolari,

is-sentenza tal-1 ta' Frar 2005, Il-Kummissjoni vs L-Awstrija, C-203/03, Ġabra p. I-935, punt 29 u tal-14 ta' Marzu 2006, Il-Kummissjoni vs Franza, iċċitata iktar 'il fuq, punt 38). Dan huwa partikolarment il-każ meta, wara l-opinjoni motivata, Stat Membru għamel emendi għad-dispożizzjonijiet nazzjonali li kienu s-suġġett tal-opinjoni motivata sabiex jirrimedja għall-ilmenti dwar in-nuqqas ta' eżekuzzjoni tas-sentenza li tikkonstata n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu.

59 Madankollu, f'rikors ippreżentat skont l-Artikolu 228(2) KE, il-Kummissjoni ma tistax tikkritika dispożizzjonijiet nazzjonali li, filwaqt li kienu diġà applikabbli matul il-proċedura prekontenzjuża, ma kinux previsti minnha, kemm b'mod espliċitu, kif ukoll meta teżisti relazzjoni diretta bejn dawn id-dispożizzjonijiet u l-aspetti tal-leġiżlazzjoni nazzjonali kkontestati fl-opinjoni motivata, b'mod impliċitu.

60 Fil-fatt, peress li l-Kummissjoni hija marbuta, fl-opinjoni motivata maħruġa skont l-Artikolu 228(2) KE, tippreċiża l-punti li fuqhom l-Istat Membru kkonċernat ma kkonformax ruħu mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tikkonstata n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, is-suġġett tal-kawża ma jistax jiġi estiż għal obbligi mhux previsti fl-opinjoni motivata, taħt il-piena li jikkostitwixxi ksur tal-forom proċedurali sostanzjali li jiggarantixxu r-regolarità tal-proċedura.

61 F'din il-kawża, għandu jiġi kkonstatat li, għalkemm huwa minnu li fl-ittra ta' intimazzjoni kif ukoll fl-opinjoni motivata rrelatati ma' din il-kawża, l-Kummissjoni indikat li fl-opinjoni tagħha l-emendi li r-Repubblika Portugiża għamlet fil-leġiżlazzjoni tagħha ma jiżgurawx eżekuzzjoni kompleta tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar 'il fuq, għall-kuntrarju, la fl-ittra ta' intimazzjoni u lanqas fl-opinjoni motivata hija ma kkritikat ir-regola li d-dritt għal talba għal rikonoxximent taċ-ċertifikat ta' konformità jista' jiġi eżerċitat biss mill-manifattur tal-prodott jew mill-aġent tiegħu.

62 Issa, kif irrilevat ir-Repubblika Portugiża, fl-iskadenza tat-terminu stabbilit fl-opinjoni motivata, din ir-regola kienet tinstab, f'dak li jirrigwarda l-prodotti ta' kostruzzjoni li għalihom ma jeżistux speċifikazzjonijiet tekniċi, fl-Artikolu 9(2) tad-Digriet-Liġi Nru 113/93, li jimplika li din ma kinitx tapplika biss matul il-proċedura prekontenzjuża li tirrigwarda din il-kawża, iżda wkoll matul dik li wasslet għas-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar 'il fuq, mingħajr ma kienet is-suġġett ta' ebda minn dawn il-proċeduri.

63 B'mod kuntrarju għal dak li ssostni l-Kummissjoni, l-ilment ibbażat fuq l-imsemmija regola ma jistax jiġi kkunsidrat bħala ammissibbli minħabba li dan jikkorrispondi, fir-realtà għall-kritika fformulata mill-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza tagħha Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar 'il fuq, fir-rigward tal-leġiżlazzjoni Portugiża inkwantu din tikkostitwixxi restrizzjoni fuq il-moviment liberu tal-merkanzija li jiġi kkonfrontat biha kull operatur ekonomiku li jixtieq juża l-prodotti inkwistjoni fil-Portugall.

64 F'dan ir-rigward għandu jiġi ppreċiżat li, fil-kawża li wasslet għas-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar 'il fuq, ma kinitx tressqet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja l-kwistjoni dwar il-limitazzjoni, fl-Artikolu 9(2) tad-Digriet-Liġi Nru 113/93, tad-dritt għal talba għal rikonoxximent ta' ċertifikati maħruġa fi Stati Membri oħra.

65 Barra minn hekk, meta, matul il-proċedura prekontenzjuża li wasslet għal din il-kawża, il-Kummissjoni ppreċiżat il-punti li fuqhom ir-Repubblika Portugiża ma kinitx ikkonformat ruħha mal-imsemmija sentenza, hija ma ttratatx l-inkompatibbiltà eventwali tal-leġiżlazzjoni Portugiża mal-Artikoli 28 KE u 30 KE, li jirriżulta mill-fatt li din teħtieġ, f'dak li jirrigwarda l-prodotti ta' kostruzzjoni mhux koperti minn speċifikazzjonijiet tekniċi, li talba għal rikonoxximent ta' ċertifikati maħruġa fi Stati Membri oħra toriġina jew mill-manifattur tal-prodott ikkonċernat jew mill-aġent tiegħu.

66 F'dawn iċ-ċirkustanzi, billi kkritikat dan l-aspett tal-leġiżlazzjoni Portugiża fir-rikors tagħha, il-Kummissjoni għaldaqstant ma llimitatx ruħha għall-punti li fuqhom, fid-dawl tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar 'il fuq, u skont l-opinjoni motivata tagħha, ir-Repubblika Portugiża ma kkonformatx ruħha ma' din is-sentenza.

67 Fil-fatt, bħall-proċedura prekontenzjuża prevista fl-Artikolu 226 KE, dik prevista fl-Artikolu 228(2) KE, hija intiża sabiex tagħti lill-Istat Membru kkonċernat l-okkażjoni jikkonforma ruħu mal-obbligi tiegħu li jirriżultaw mid-dritt Komunitarju jew li jsostni b'mod effettiv l-eċċezzjonijiet tiegħu fir-rigward tal-ilmenti mressqa mill-Kummissjoni fir-rigward tal-persistenza tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-23 ta' April 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, C-331/07, punt 26).

68 L-opinjoni motivata u r-rikors previsti fl-Artikolu 228(2) KE għandhom għalhekk jippreżentaw l-ilmenti b'mod koerenti u b'mod preċiż sabiex l-Istat Membru u l-Qorti tal-Ġustizzja jkunu jistgħu jifhmu eżattament l-istat ta' eżekuzzjoni tas-sentenza li tikkonstata n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, li hija kundizzjoni neċessarja sabiex l-imsemmi Stat ikun jista' jsostni utilment l-eċċezzjonijiet tiegħu u sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' tivverifika l-persistenza ta' dan in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-1 ta' Frar 2007, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju-Unit, C-199/04, Ġabra p. I-1221, punt 21).

69 Minn dan jirriżulta li dan it-tieni lment għandu jiġi kkunsidrat bħala inammissibbli.

Fuq l-ilment ibbażat fuq nuqqas ta' preċiżjoni fir-rigward tal-kriterji li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni waqt omologazzjoni ta' prodotti li għalihom ma jeżistux speċifikazzjonijiet tekniċi

L-argumenti tal-partijiet

70 Permezz tat-tielet ilment tagħha, il-Kummissjoni tqis li l-leġiżlazzjoni Portugiża baqgħet ma tikkonformax mal-prinċipju ta' proporzjonalità sa fejn din ma tispeċifikax il-kriterji li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-finijiet ta' omologazzjoni ta' prodotti li għalihom ma jeżistux speċifikazzjonijiet tekniċi. Fil-fatt, anki fil-verżjoni tiegħu emendat bid-Digriet-Liġi Nru 290/2007, l-Artikolu 17(2) tar-RGEU jillimita ruħu jindika li l-omologazzjonijiet għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni t-testijiet u l-kontrolli mwettqa fi Stati Membri oħra, mingħajr ma jippreċiża ebda kriterju li għandu jiġi osservat.

71 Barra minn hekk, abbażi tal-kliem tal-Artikolu 17 tar-RGEU, kif jirriżulta minn din l-emenda, kien impossibbli li jkun magħruf il-korp kompetenti sabiex iwettaq tali omologazzjoni, inkwantu din il-verżjoni emendata ma tirreferix iktar għall-opinjoni preliminari tal-LNEC.

72 Skont ir-Repubblika Portugiża, dan l-ilment huwa inammissibbli peress li ma ġiex invokat fil-kuntest tal-kawża li wasslet għas-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar 'il fuq, u lanqas matul il-proċedura prekontenzjuża li tirrigwarda din il-kawża.

73 F'kull każ, ir-Repubblika Portugiża ssostni li kemm ir-Regolamenti Nru 1726/2006 u kemm ir-Regolamenti Nru 19563/2006 żguraw l-eżekuzzjoni tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar 'il fuq, inkwantu, waqt proċedura ta' omologazzjoni ta' prodotti li għalihom ma jeżistux speċifikazzjonijiet tekniċi, il-korp nazzjonali kompetenti għandu jieħu inkunsiderazzjoni t-testijiet u l-kontrolli mwettqa fi Stat Membru. Fir-rigward tal-pajpijiet tal-politina, wara l-adozzjoni ta' normi Ewropej, huwa biss f'każijiet eċċezzjonali, fejn dawn il-pajpijiet ma josservawx l-imsemmija normi, li jkollu jiġi ċċertifikat, waqt proċedura ta' omologazzjoni, li dawn huma siguri u

tajbin għall-użu maħsub. Dan l-eżami jitwettaq fid-dawl tar-rekwiżiti essenzjali elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 89/106 u implementati fil-Portugall fl-Anness I tad-Digriet-Liġi Nru 113/93, f'każijiet eċċezzjonali, li fir-rigward tagħhom ikun diffiċli li jiġu speċifikati kriterji ta' omologazzjoni lil hinn minn dawn ir-rekwiżiti essenzjali. F'dan ir-rigward, l-emenda magħmula fil-punt 8 tal-Artkolu 17 tar-RGEU bid-Digriet-Liġi Nru 50/2008, għaldaqstant kellha biss bħala effett li tikkjarifika l-fatt li l-proċedura ta' omologazzjoni hija segwita fid-dawl tal-imsemmija rekwiżiti essenzjali.

74 Fir-rigward tan-nuqqas ta' definizzjoni tal-korp kompetenti għall-omologazzjoni tal-prodotti ta' kostruzzjoni li għalihom ma jeżistux speċifikazzjonijiet tekniċi, ir-Repubblika Portugiża tosserva li, anki jekk, f'mument partikolari, l-Artikolu 17 tar-RGEU ma kienx jindika iktar espressament il-LNEC bħala l-korp kompetenti, il-kompetenzi tal-imsemmi korp jirriżultaw, mingħajr ekwivoku, mit-totalità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

75 Fir-rigward, minn naħa, tal-ilment ibbażat fuq in-nuqqas ta' preċiżjoni fir-rigward tal-kriterji li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni waqt omologazzjoni mwettqa mil-LNEC skont l-Artikolu 17 tar-RGEU, għandu jiġi kkonstatat li dan l-ilment ma ssemmiex mill-Kummissjoni la fl-ittra ta' intimazzjoni u lanqas fl-opinjoni motivata tagħha rrelatati ma' din il-kawża, li, fir-rigward ta' din il-proċedura ta' omologazzjoni, huma limitati li jakkużaw lir-Repubblika Portugiża li għamlet emendi għall-kuntest leġiżlattiv permezz tal-adozzjoni ta' regolamenti, jiġifieri r-Regolamenti Nru 1726/2006, minnflok ma emendat l-Artikolu 17 tar-RGEU innifsu kif ukoll, fir-rigward l-imsemmija regolamenti, li adottat test li, l-ewwel nett, ma jirriferi bl-ebda mod għall-imsemmi Artikolu 17, it-tieni nett, jonqos milli jkopri l-pajpijiet iżolati u, it-tielet nett, ma jipprevedix l-obbligu li jittieħdu inkunsiderazzjoni ċertifikati maħruġa fi Stati Membri oħra.

76 Sussegwentement, meta fir-rikors tagħha l-Kummissjoni kompliet tikkritika l-proċedura ta' omologazzjoni prevista fl-Artikolu 17 tar-RGEU, hija lanqas ma rrepetiet l-akkużi espressi matul il-proċedura prekontenjuża, iżda biss l-ilment ibbażat fuq

nuqqas ta' preċiżjoni fir-rigward tal-kriterji li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni waqt din il-proċedura ta' omologazzjoni, li għaldaqstant ma kienx is-suġġett tal-proċedura prekontenzjuża.

77 Issa, il-Kummissjoni ma tistax, mingħajr ma testendi s-suġġett tal-kawża, u għaldaqstant, mingħajr ma tikser id-drittijiet tad-difiża, tippreżenta għall-ewwel darba fl-istadju tar-rikors, ilment li hija ma qajmitx waqt il-fażi prekontenzjuża.

78 L-ilment tal-Kummissjoni bbażat fuq in-nuqqas ta' preċiżjoni fir-rigward tal-kriterji li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni waqt il-proċedura ta' omologazzjoni prevista fl-Artikolu 17 tar-RGEU lanqas ma jista' jiġi kkunsidrat bħala ammissibbli minħabba l-fatt biss li dan jikkorrispondi għall-kritika fformulata mill-Qorti tal-Ġustizzja, fil-punt 50 tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar 'il fuq, dwar in-nuqqas ta' kriterji oġġettivi, nondiskriminatorji, u magħrufa minn qabel li kienu suġġetti għalihom il-pajpijiet ikkonċernati waqt din il-proċedura ta' omologazzjoni.

79 Fil-fatt, meta, matul il-proċedura prekontenzjuża li wasslet għal din is-sentenza, il-Kummissjoni ppreċiżat il-punti li fuqhom ir-Repubblika Portugiża ma kinitx ikkonformat ruħha mal-imsemmija sentenza, hija ma ttrattatx il-ksur eventwali tal-Artikoli 28 u 30 KE li jirriżulta mill-fatt li l-leġiżlazzjoni Portugiża, anki wara l-emendi mwettqa sa dan iż-żmien lil din ta' l-aħħar, kienet għada ma tippreċiżax b'mod suffiċjenti l-kriterji li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni waqt l-imsemmija proċedura ta' omologazzjoni.

80 Barra minn hekk, la fl-ittra ta' intimazzjoni u lanqas fl-opinjoni motivata, il-Kummissjoni ma eżaminatx id-dispożizzjonijiet tad-Digriet-Liġi Nru 113/93 li jirriferu għalihom kemm ir-Regolamenti Nru 1726/2006 kif ukoll ir-Regolamenti Nru 19563/2006 dwar il-modalitajiet ta' teħid inkunsiderazzjoni mil-LNEC, waqt proċedura ta' omologazzjoni ta' pajpijiet, ta' testijiet u ta' kontrolli mwettqa fi Stati Membri oħra.

81 Għaldaqstant sa fejn, meta tikkritika dan l-aspett tal-leġiżlazzjoni Portugiża fir-rikors tagħha, il-Kummissjoni ma llimitatx ruħha għall-punti li fuqhom, skont l-opinjoni motivata tagħha, ir-Repubblika Portugiża ma kinitx ikkonformat ruħha mas-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar 'il fuq, dan l-ilment għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli.

82 Min-naħa l-oħra, fir-rigward tan-nuqqas ta' preċiżjoni fl-Artikolu 17 tar-RGEU, kif emendat bid-Digriet-Liġi Nru 290/2007, f'dak li jirrigwarda l-korp kompetenti biex jipproċedi għall-omologazzjoni ta' prodotti li għalihom ma jeżistux speċifikazzjonijiet tekniċi, għandu jiġi rrilevat li, għalkemm il-Kummissjoni lanqas ma għamlet riferiment għalih matul il-proċedura prekontenzjuża, dan il-fatt huwa spjegat mill-fatt li dan l-ilment tal-Kummissjoni jikkonċerna dispożizzjoni introdotta mill-awtoritajiet Portugiżi bħala risposta għall-kritiki espressi minn din l-istituzzjoni matul il-proċedura prekontenzjuża.

83 Madankollu, kif issostni r-Repubblika Portugiża, dan l-ilment mhuwiex fondat peress li, anki wara l-adozzjoni tad-Digriet-Liġi Nru 290/2007, l-Artikolu 17 tar-RGEU kellu jinqara flimkien ma' dispożizzjonijiet nazzjonali rilevanti oħra, bħal dawk li jiddefinixxu d-doveri attribwiti lil-LNEC, b'mod partikolari l-Artikolu 3(2)(d) tad-Digriet-Liġi Nru 304/2007, tal-24 ta' Awwissu 2007, (Diário da República, Serje I, Nru 163, tal-24 ta' Awwissu 2007), li minnu jirriżulta li l-LNEC huwa l-korp kompetenti.

84 Għaldaqstant, it-tielet ilment għandu jiġi miċħud bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondat.

Fuq l-ilment ibbażat fuq l-applikazzjoni ta' kriterji diskriminatorji waqt ir-rikonoxximent ta' ċertifikati maħruġa fi Stati Membri oħra

L-argumenti tal-partijiet

85 Permezz tar-raba' lment tagħha, il-Kummissjoni tikkritika l-fatt li l-Artikolu 9(2) tad-Digriet-Liġi Nru 113/93 jissuġġetta r-rikonoxximent, fil-Portugall, ta' ċertifikati maħruġa fi Stati Membri oħra għal kriterji msejħa "ta' nazzjonalità tripla", li abbażi tagħhom it-testijiet u l-kontrolli rilevanti għandhom jitwettqu fl-Istat produttur skont il-metodi fis-seħħ fil-Portugall jew rikonoxxuti bħala ekwivalenti minn korp pubbliku Portugiż u fil-kuntest tas-sistema ta' kwalità Portugiża. Skont il-Kummissjoni, minn dan irriżulta li, b'mod kuntrarju għal dak li kienet ordnat il-Qorti tal-Ġustizzja fil-punti 50 u 51 tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar 'il fuq, id-deċiżjonijiet ta' rikonoxximent tal-imsemmija ċertifikati ma kinux meħuda abbażi ta' kriterji oġġettivi u nondiskriminatorji.

86 Skont ir-Repubblika Portugiża, dan l-ilment mhuwiex ammissibbli inkwantu l-kriterji msejħa "ta' nazzjonalità tripla" kienu jinstabu diġà fil-verżjoni inizjali tal-Artikolu 9(2) tad-Digriet-Liġi Nru 113/93 u l-Kummissjoni qatt ma kienet ressqet l-iċken oġġezzjoni f'dan ir-rigward, kemm waqt il-proċedura prekontenzjuża fl-oriġini ta' din il-kawża kif ukoll fil-kuntest tal-procedura prekontenzjuża fl-oriġini tal-kawża li tat lok għas-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar 'il fuq, jew tal-proċedura segwita quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'din l-aħħar kawża.

87 F'kull każ, ir-regola li tipprovdi li, fin-nuqqas ta' speċifikazzjonijiet tekniċi, il-korp Portugiż kompetenti jirrikonoxxi t-testijiet u l-kontrolli mwettqa fi Stati Membri oħra biss jekk dawn ikunu twettqu skont il-metodi fis-seħħ fil-Portugall jew ikkunsidrati bħala ekwivalenti għalihom mill-imsemmi korp kienet ikkostitwixxiet biss transpożizzjoni tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/106 intiża sabiex tiggarantixxi s-sigurtà tal-prodotti ta' kostruzzjoni li għalihom ma jeżistux speċifikazzjonijiet tekniċi. Il-fatt li din ir-regola kienet tapplika għall-proċeduri ta' omologazzjoni introdotti skont l-Artikolu 17 tar-RGEU kien preċiżament intiż sabiex jiffaċilita t-teħid inkunsiderazzjoni ta' testijiet u kontrolli mwettqa fi Stat Membru ieħor.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

88 Għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni ma kkritikatx, la fl-ittra ta' intimazzjoni u lanqas fl-opinjoni motivata l-fatt li din il-leġiżlazzjoni kienet tissuġġetta d-dikjarazzjoni ta' konformità ta' prodotti ġejjin minn Stati Membri oħra u li għalihom ma jeżistux speċifikazzjonijiet tekniċi, bħar-rikonoxximent ta' ċertifikati ta' konformità maħruġa fi Stati Membri oħra għal tali prodotti, għar-rekwiżit li dawn il-prodotti jkunu ssodisfaw testijiet u kontrolli mwettqa minn korp approvat stabbilit fl-Istat Membru produttur skont metodi fis-seħħ fil-Portugall jew rikonoxxuti bħala ekwivalenti mill-Instituto Português da Qualidade.

89 Issa, kif irrilevat ukoll ir-Repubblika Portugiża, fid-data tal-iskadenza tat-terminu stabbilit fl-opinjoni motivata, dan ir-rekwiżit kien jinstab, f'dak li jirrigwarda l-prodotti ta' kostruzzjoni li għalihom ma jeżistux speċifikazzjonijiet tekniċi, fl-Artikolu 9(2) tad-Digriet-Liġi Nru 113/93, li huwa intiż sabiex jittrasponi fid-dritt Portugiż, l-Artikolu 16 (1) tad-Direttiva 89/106. Għalkemm dan kien applikabbli mhux biss matul il-proċedura prekontenzjuża li wasslet għal din il-kawża, iżda wkoll matul dik li wasslet għas-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar 'il fuq, dan ir-rekwiżit ma kien kopert minn ebda minn dawn il-proċeduri. Din is-sentenza tal-aħħar ma wasslet għal ebda inkompatibbiltà mal-Artikoli 28 KE u 30 KE tad-Digriet-Liġi Nru 113/93, b'mod partikolari tal-Artikolu 9(2) tiegħu.

90 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-ilment tal-Kummissjoni bbażat fuq il-kriterji li għandhom jissodisfaw it-testijiet u l-kontrolli mwettqa fi Stati Membri oħra ma jistax jiġi kkunsidrat bħala ammissibbli minħabba li dan jikkorrispondi, fir-realtà, għall-kritika fformulata mill-Qorti tal-Ġustizzja, fil-punt 51 tas-sentenza tagħha, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar 'il fuq, fir-rigward tan-nuqqas ta' kriterji oġġettivi, nondiskriminatorji u magħrufa minn qabel li għalihom kienu suġġetti l-pajpijiet inkwistjoni waqt il-proċedura ta' omologazzjoni prevista fl-Artikolu 17 tar-RGEU.

91 Peress li, billi kkritikat il-kundizzjonijiet għal rikonoxximent previsti fl-Artikolu 9(2) tad-Digriet-Liġi Nru 113/93 fir-rikors tagħha, il-Kummissjoni ma llimitatx ruħha għall-punti li fuqhom il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet, fis-sentenza tagħha, Il-Kummiss-

joni vs Il-Portugall, iċċitata iktar ’il fuq, li r-Repubblika Portugiża kienet naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt it-Trattat, dan ir-raba’ lment għandu wkoll jiġi kkunsidrat bħala inammissibbli.

Fuq l-ilment ibbażat fuq in-nuqqas ta’ adozzjoni ta’ miżuri fir-rigward ta’ operaturi ekonomiċi affettwati mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni

L-argumenti tal-partijiet

92 Permezz tal-ħames ilment tagħha, il-Kummissjoni tikkunsidra li r-Repubblika Portugiża ma eżegwietx is-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar ’il fuq, sa fejn din naqset milli tadotta miżuri fir-rigward tal-aġenti ekonomiċi affettwati mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni. Fil-fatt, minkejja l-fatti kkonstatati mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 48 tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar ’il fuq, ir-Repubblika Portugiża llimitat ruħha tafferma li ebda każ ma kien ġie elenkat, li fih l-omologazzjoni ta’ pajpijiet kienet ġiet irrifjutata abbażi ta’ dispożizzjonijiet li ma jikkonformawx mal-Artikoli 28 KE u 30 KE. Billi tfakkar is-setgħa ta’ istruzzjoni li għandhom, skont il-kliem stess tar-Repubblika Portugiża, il-korpi amministrattivi Portugiżi, il-Kummissjoni ssostni li din ma kellhiex tillimita ruħha tikkunsidra li, minħabba li l-impriża li qed tilmenta ma kinitx talbet omologazzjoni tal-prodotti tagħha, iżda biss rikonoxximent ta’ ċertfikat maħruġ fl-Italja, din l-impriża ma kellhiex l-intenzjoni, fir-realtà, li tikseb tali omologazzjoni.

93 F’dan ir-rigward, ir-Repubblika Portugiża tosserva qabel kollox, li huwa biss fir-rikors tagħha li l-Kummissjoni semmiet il-fatti invokati mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 48 tas-sentenza, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar ’il fuq.

94 Sussegwentement, dan l-Istat Membru jispjega li mill-korrispondenza bejn l-LNEC u l-impriża li qed tilmenta jirriżulta li din qatt ma kellha l-intenzjoni tibda proċedura ta’ omologazzjoni tal-pajpijiet tal-politina li kienet qed tipprova tqiegħed fis-suq fil-

Portugall iżda li hija xtaqet biss li ċ-ċertifikati barranin li hija kellha jiġu kkunsidrati bħala suffiċjenti u li hija tkun eżentata mill-proċedura ta' omologazzjoni. Peress li l-LNEC ma kien irċieva ebda talba għal omologazzjoni mingħand din l-impriża u lanqas talba għal informazzjoni dwar l-iżvilupp tal-proċedura ta' omologazzjoni, kien ikun jidher eċċessiv li l-LNEC jintalab ifakkar lill-imsemmija impriża l-kundizzjonijiet li fihom iċ-ċertifikat maħruġ mill-IIP jew kwalunkwe ċertifikat ieħor setgħa jintuża sabiex jinkiseb ċertifikat ta' konformità u, jekk ikun neċessarju, l-omologazzjoni tal-pajpijiet inkwistjoni. Sabiex jitneħħa kull dubju, fit-12 ta' Frar 2008 l-LNEC kien madankollu informa lill-impriża li qed tilmenta bil-fatt li, minn xi żmien qabel, hija setgħat tqiegħed il-prodotti inkwistjoni fis-suq nazzjonali mingħajr ebda ħtieġa minn qabel ta' omologazzjoni.

95 Fl-aħħar, ir-Repubblika Portugiża tenfasizza li ebda każ ta' nuqqas ta' osservanza tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar 'il fuq, rigward proċeduri ta' omologazzjoni ta' sistemi ta' pajpijiet jew tal-komponenti tagħhom ma kien ġie elenkat. Hija żżid li l-impriża li qed tilmenta setgħat titlob quddiem il-qrati nazzjonali kumpens għad-dannu eventwalment subit matul is-sena 2000 minħabba applikazzjoni li ma tikkonformax tal-Artikolu 17 tar-RGEU, fatt li hija ma għamlitx.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

96 Qabel kollox, għandu jiġi rrilevat li, peress li l-Kummissjoni diġà kkritikat matul il-proċedura prekontenzjuża l-fatt li r-Repubblika Portugiża ma kinitx ħadet inkunsiderazzjoni fir-rigward tal-operaturi ekonomiċi affettwati mil-leġiżlazzjoni li kienet is-suġġett tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar 'il fuq, l-ammissibbiltà ta' dan l-ilment ma tistax tiġi kkontestata.

97 Fir-rigward tal-eżami tal-fondatezza ta' dan l-ilment, għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni llimitat ruħha tfakkar iċ-ċirkustanzi ta' fatt li kienu wasslu għall-imsemmija sentenza, mingħajr ma pprovdiet lill-Qorti tal-Ġustizzja bl-elementi neċessarji sabiex tiddetermina l-istadju ta' eżekuzzjoni tas-sentenza għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu f'dan ir-rigward (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-4 ta' Lulju 2000,

Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, C-387/97, Ġabra p. I-5047, punt 73, u tas-7 ta' Lulju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, C-369/07, Ġabra p. I-5703), punt 74).

98 Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma pproduċiet ebda prova li tista' tikkontesta l-affermazzjoni tar-Repubblika Portugiża li, minnbarra s-sitwazzjoni tal-impriża li l-ilment tagħha kien wassal għas-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar 'il fuq, ma kien ġie elenkat ebda każ ieħor ta' impriża li kellha xi diffikultajiet sabiex tikseb l-omologazzjoni ta' prodotti jew ir-rikonoxximent ta' ċertifikati maħruġa minn Stati Membri oħra, f'dak li jirrigwarda prodotti ta' kostruzzjoni li għalihom ma jeżistux speċifikazzjonijiet tekniċi.

99 Fl-aħħar, fir-rigward tal-impriża li qed tilmenta fil-kawża li wasslet għas-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar 'il fuq, huwa suffiċjenti li jiġi kkonstatat li, kif irrilevat ir-Repubblika Portugiża mingħajr ma dan ġie kkontestat mill-Kummissjoni, minn naħa, din l-impriża ma għamlet ebda pass ieħor intiż sabiex tikseb l-omologazzjoni tal-prodotti tagħha jew ir-rikonoxximent ta' ċertifikati maħruġa fi Stati Membri oħra u, min-naħa l-oħra, wara l-adozzjoni ta' normi Ewropej għall-prodotti inkwistjoni fl-imsemmija sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall u d-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti Nru 1726/2006, l-omologazzjoni tal-imsemmija prodotti ma kinitx iktar neċessarja meta dawn kienu koperti minn dawn in-normi.

100 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li jiġi konkluż li l-Kummissjoni ma stabbilixxitx li, billi naqset milli tieħu miżuri fir-rigward tal-operaturi affettwati mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, ir-Repubblika Portugiża kienet naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 28 KE u 30 KE u, minħabba dan ma kkonformatx ruħha mas-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar 'il fuq.

101 Għaldaqstant, dan il-ħames ilment għandu jiġi miċħud bħala infondat.

102 Konsegwentement, hemm lok li jiġi miċħud ir-rikors tal-Kummissjoni sa fejn dan huwa intiż sabiex jiġi kkonstatat li, billi ma ħaditx il-miżuri neċessarji sabiex tiżgura l-eżekuzzjoni tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar 'il fuq, ir-Repubblika Portugiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 228(1) KE.

103 Għaldaqstant, l-imsemmi rikors għandu jiġi miċħud ukoll sa fejn dan huwa intiż għall-kundanna tar-Repubblika Portugiża biex tħallas somma f'daqqa minħabba tali nuqqas ta' twettiq ta' obbligu.

Fuq l-ispejjeż

104 Skont l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li l-Kummissjoni tilfet, hemm lok li tiġi kkundannata għall-ispejjeż, skont it-talbiet tar-Repubblika Portugiża f'dan is-sens.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja, (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej hija kkundannata għall-ispejjeż.

Firem